MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-20 ta' April, 2005

Numru. 1026/2004

PULIZIJA
SPETTUR MARIO TONNA
VS
DAVID FARR
ALEXANDER ANCILLERI
ANNISE BEJAOUI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati David Farr, ta’ 22 sena, imwieled Pieta’ nhar il-31 ta’ Mejju 1982, bin Patrick u Maria Stella nee’ Zarb, residenti gewwa Dar Suriet il-Bniedem, Gzira, jew 7 Craysais, Triq Santu Rokku, Bubaqra, Zurrieq, detentur tal-karta tal-identita’ numru 327082(M); kif ukoll Annise Bejaoui, ta’ 15 sena, imwieled il-Pieta’ nhar it-23 ta’ Lulju 1989, bin Dris Ben Ahmed u Grace nee’ Xuereb, residenti gewwa Dar Suriet il-Bniedem, Gzira, jew 38, Triq Doni, Rabat, dententur tal-karta tal-identita’ numru 387889(M); kif ukoll Alexander Ancilleri, ta’ 17 sena, imwieled Pieta’ nhar it-3 ta’ Marzu

1987, bin Mario u Catherine nee’ Chircop, residenti Dar Suriet il-Bniedem, Gzira, jew 110 Calathea, Triq Dun Karm, Iklin, detentur tal-karta tal-identita’ numru 144887(M).

Lil David Farr u Annise Bejaoui wahedhom akkuzati illi b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda: talli nhar it-23 ta’ Novembru 2004, minn gewwa Triq Bizazza, Sliema, ghal habta tas-sebgha ta’ filghaxija (7.00pm), ikkommettew serq ta’ vettura tal-ghamla Volks Wagon Golf, numru tar-registrazzjoni LAC634 ghad-detriment ta’ Nadya Muscat, minn San Giljan, liema serq huwa aggravat bil-valur, il-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ai terminu tal-Artiklu 261, 267, 270, 271(g) u 279(a), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar akkuzati talli nhar il-25 ta’ Novembru 2004, minn gewwa Triq in-Naxxar, San Gwann, ghal habta tat-tmienja ta’ filghaxija (8.00pm), ikkommettew serq ta’ vettura tal-ghamla Volks Wagon Polo, bin-numru tar-registrazzjoni DUN531 ghad-detriment ta’ Duncan Edwards, minn San Gwann, liema serq huwa aggravate bil-valur, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ai terminu tal-Artiklu 261, 270, 271(g) u 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli bejn it-23 ta’ Novembru 2004 u l-25 ta’ Novembru 2004, f’diversi bnadi fil-gzejjer ta’ Malta, saqu l-istess vetturi u cioe’ LAC634 u DUN531 minghajr ma kienu awtorizzati bil-licenzja tas-sewqan mahruga mid-direttur tat-traffiku.

U aktar talli fl-istess postijiet, dati, hinijiet u cirkostanzi, saqu l-istess vetturi LAC634 u DUN531 minghajr ma kienu koperti b’polza ta’ assigurazzjoni.

U aktar talli fl-istess postijiet, dati u hinijiet, saqu l-istess vetturi LAC634 u DUN531 b’sewqan eccessiv, b’manjiera traskurat, perikoluza u negligenti.

U aktar talli bejn it-23 ta’ Novembru 2004 u l-25 ta’ Novembru 2004, volontarjament hassru jew gharrqu

hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' partijiet minn vetturi LAC634 u DUN531 ghad-dannu ta' Nadya Muscat u Duncan Edwards rispettivament Maltin, u dan ai terminu tal-Artiklu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba titratta ma' Annise Bejaoui bhala ricediv u dan ai terminu tal-Artikli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kien instab hati li kkommetta serq mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Lil Alexander Ancilleri wahdu akkuzat talli matul il-perjodu ta' bejn it-23 ta' Novembru 2004 u l-25 ta' Novembru 2004, irrenda ruhu komplici u cioe' billi ha sehem sabiex jigi kommess reat ta' serq ta' vettura numru LAC634 u DUN531 minn gewwa tas-Sliema u San Gwann, u dan ai terminu tal-Artiklu 42, 43, 44 u 45 ta-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess postijiet, dati u hinijiet, pubblikament xewwex persuni ohra u cioe' lil David Farr u Annise Bejaoui sabiex jikkommettu reat, u jew jiksru xi dispozizzjoni tal-ligi u dan ai terminu tal-Artikli 69 u 70 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil David Farr wahdu akkuzat talli gewwa Triq in-Naxxar, San Gwann u fi bnadi nhar il-25 ta' Novembru 2004 u fil-granet ta' qabel kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan ai terminu tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati Alexander Ancilleri u Annise Bejaoui tat-18 ta' Jannar 2005, u regghu kkonfermaw din l-ammissjoni wara li l-Qorti akkordatilhom zmien ragjonevoli ghar-ripensament. Aktar tard, Dr Leslie Cuschieri ghal Annise Bejaoui, irtira l-ammissjoni dwar l-ewwel, it-tieni u s-seba' akkuza, u ammetta furto d'uso ghal l-ewwel u t-tieni akkuza (ara fol 87 u 88).

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta li l-Ufficjal Prosekutur Spettur Tonna gie nfurmat illi certu Duncan Edwards minn San Gwann kien irraporta lill-Pulizija distrettwali li fil-25 ta’ Novembru 2004, waqt illi huwa kien fejn l-ATM tal-Bank of Valletta, Naxxar Road, San Gwann, qed jigbed xi flus, il-karozza tieghu DUN531 Volkswagen Polo giet misruqa minn taht ghajnejh minn zewg guvintur. Din il-karozza giet misjuqa bi speed eccessiv mix-xena tad-delitt.

Fl-istess gurnata, ghal habta ta’ xid-disgha ta’ filghaxija, PS 1586 gie nfurmat li fi Triq San Gorg, naqra ‘l fuq mill-ghassa ta’ San Giljan, kien hemm xi glieda u giet mitluba l-assistenza tal-Pulizija. Meta l-Pulizija accedew fuq il-post, sabu lil Roderick Debattista, ID 421982, li kien habib ta’ Duncan Edwards, li nforma lill-Pulizija li kien ghadu kemm ra l-vettura DUN531 misjuqa minn haddiehor u pprova jwaqqafha. Il-Pulizija nfatti sabu lill-imputat Bejaoui jargumenta ma’ dan Roderick Debattista u minn hemm gie arrestat Bejaoui.

Il-Pulizija minn stharrig taghhom, stabilew li Bejaoui kien qieghed ma’ David Farr li harab meta ra lil Roderick u lill-Pulizija. Minn aktar stharrig tal-Pulizija, gie stabilit ukoll, illi ma’ Farr u Bejaoui kien hemm guvni iehor Alexander Ancilleri. Dawn kollha gew arrestati u mitkellma mill-Pulizija.

Fl-istqarrija taghhom, Bejaoui, Farr u Ancilleri ghamlu ammissjoni pjena u kompleta fuq l-akkuzi kollha dedotti kontra taghhom (ara dokument M7, M8 u M9, minn fol 22 sa 31). F’dawn l-istqarriji t-tlett zghazagh, ammettew illi kienu Farr u Bejaoui illi ddecidew illi jisirqu l-Volkswagen Polo bin-numru DUN531, minn San Gwann, meta ma kellhomx licenzja tas-sewqan jew insurance, u li saquha bi speed eccessiv u damu ghaddejjin biha xi jumejn tlieta, tawha l-petrol ghalmenu darbtejn, izda kellhom jitilquha

San Gwann ghax il-magna ta’ din il-karozza bdiet tishon u bdiet taghmel iz-zejt.

Alexander Ancilleri ammetta fl-istqarrija tieghu (ara fol 29) illi huwa kien jaf illi l-Volkswagen Golf numru tar-registrazzjoni LAC634, kienet misruqa izda xorta wahda ddecieda illi jmur idur ma’ shabu Bejaoui u Farr. Illi meta waqfet din il-karozza, huwa kien ma’ Bejaoui u Farr meta nsterqet it-tieni karozza fil-25 ta’ Novembru 2004. Ghar-rigward tat-tieni karozza, huwa ma kienx ghamel il-mawriet maghhom bil-karozza izda kien mar id-dar.

Ancilleri ammetta illi kien jaf illi ebda wiehed minnhom ma kellhom licenzja tas-sewqan.

Illi d-Difiza tal-imputat Bejaoui, waqt li ammettiet furto d’uso, iriteniet illi ma jissusistux ir-reati ta’ serq migjuba kontra l-istess imputat, u dan ghaliex kien car illi r-reat li jinwadra ruhu perfettament fic-cirkustanzi kollha tal-kaz kien dak ta’ furto d’uso.

Illi l-Qorti ghaldaqstant, ezaminat bir-reqqa l-Artiklu 288 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jipprovdi:

‘Il-hati jehel il-pieni stabbiliti ghall-kontravenzjonijiet meta, fil-kaz ta’ serq semplici, l-utli li kellu fi hsiebu, kien dak ta’ l-uzu biss tal-haga, bil-hsieb li jrodda minnufih’.

Illi dan ir-reat, a kuntrarju tar-reat ta’ serq, jissusissti meta jkun hemm intenzjoni ta’ uzu ghal ftit mumenti b’intenzjoni tar-radd lura tal-haga jew l-oggett tal-uzu, u meta jitratta biss ta’ serq semplici.

Illi c-cirkostanzi li jiccirkundaw dan il-kaz, bl-ebda mod ma jpingu stampa ta’ zaghzagh illi ser jiehdu oggett ezempju ‘bicycle’ ghal ‘joy ride’ – bluha taz-zghozija, biex imbaghad wara, din tigi ritornata minn fejn ittiehdet. Hawn si tratta ta’ serq aggravat - zaghzagh illi serqu karozza minn taht ghajnejn sidha u damu mexjin biha ghal jumejn shah fejn sahansitra tawha l-petrol f’diversi okkazjonijiet u telquha biss wara li harqulha l-magna tant illi bdiet taghmel iz-zejt u ma hadmitx aktar. Kien hemm biss illi

telqu l-karozza u fil-pront raw kif ghamlu biex serqu karozza ohra. Dan bl-ebda mod ma jista' jigi kategorizzat taht furto d'uso.

Din il-Qorti wara li semghet ix-xhieda kollha u ezaminat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, hi tal-fehma illi Annise Bejaoui huwa l-percimes mit-tlett imputati u li ghadu ma tghallem xejn mid-diversi skontri illi gia kellu mal-Pulizija u li certament ghadu ma tghallem xejn lanqas mill-perjodi ta' detenzjoni illi gia gew inflitti fuqu mill-Qorti tal-Minorenni.

Illi din il-Qorti wara li rat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, m'ghandhiex alternattiva ghajr illi ssib lill-imputati hatja skond l-akkuzi dedotti kontra taghhom, u wara li hadet in konsiderazzjoni l-eta' tenera taghhom, il-fedina penali taghhom u wara li rat l-Artikli 18, 261( c ) (f)(g), 267, 270, 271(g), 279, 280, 42, 43, 44, 45, 325, 533, 49, 50, 69, 70, 28(A)(G) u 37 tal-Kodici Kriminali, Artiklu 15(1)(a) tal-Kap 65, Artiklu 3(1)(2) tal-Kap 104 u Artiklu 13 u 19 tal-Kap 66, tikkundanna lill-imputati David Farr u Alexander Ancilleri ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin u tqieghdhom taht supervision suspended order ta' erba' snin, taht is-supervizjoni ta' probation officer Victoria Grech ghal l-imputat Ancilleri, u probation officer Carmen Borg ghal l-imputat David Farr, filwaqt li tikkundanna lil Annise Bejaoui ghal perjodu ta' prigunerija ta' tlieta u ghoxrin (23) xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------